Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 543/2016

Il-Pulizja

Vs

Leonard Cutajar

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Leonard Cutajar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 474767M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-12 ta' Frar, 2016 ghall-habta tal-11.30 am gewwa Triq San Guzepp u Triq San Pietru, Kirkop:

(1) Talli b'xi mod iehor mhux imsemmi banda ohra f'dan il-kodici, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;
(2) Fit-triq jew f'post pubbliku iehor, imbotta lil Salvu Cutajar sabiex iweggaw jew jinsulentah;
(3) Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil Salvu Cutaja b'gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghalih;
(4) Bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb waddab jew xehet ilma jew hwejjeg ohra mahlula jew hmigijiet fuq il-persuna ta' Salvu Cuatjar;

(5) Ghamel offiza fuq il-persuna ta' Salvu Cutajar u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Camilleri MD Reg. 224 mid-Dipartiment tas-Sahha ta' Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba jekk issib lill-imputat hati, tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' ta' Salvu Cutajar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(dd), l-artikolu 339(1)(b)(f) u l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Stante li z-zewg imputati ghamlu azzjonijiet diretti kontra l-persuna ta' xulxin u stante li dan kollu sar anke f'post espost ghall-pubbliku, sabithom hatja tal-akkuzi kollha u minflok infliggiet piena, imponiet protection order taht l-artikolu 412C tal-Ligijiet ta' Malta. Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Leonard Cutajar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkonferma li m'huwiex hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u kwindi tikkonferma l-liberazzjoni teighu minnhom, thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kwindi tilliberah mill-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant:

i. Illi l-esponenti bl-aktar mod assolut u emfatiku jichad li kien hu li attakka, imbotta, hedded, jew qabad xi arma, hammeg lill-missieru Salvatore

Cutajar jew ghamillu xi offiza fuq il-persuna tieghu u kkagunalu feriti ta' natura hafifa.

ii. Illi kien l-istess Salvatore (Salvu) Cutajar li minghajr ebda provokazzjoni u waqt li l-esponenti appellant kien jinsab gewwa l-propjeta' ta' ommu Leonarda Cutajar, flimkien mal-istess ommu, li mar fit-triq in kwistjoni u kiser il-buon ordni u l-paci pubblika. Meta ra li l-esponenti appellant u ommu baqghu gewwa u ma waqghux ghall-provokazzjonijiet tieghu, Salvatore Cutajar ma kienx kuntent u ghalhekk tfacca minn bokka fl-gholi istess garaxx, baqa' jidghai u jghajjat wat li attakka lill-esponenti appellant u lill-ommu b'gebla. Peress li Salvatore Cutajar kien jinsab fl-gholi, l-esponenti ma kellu l-ebda mezz biex jiddefendi ruhu ghajr li jaqbad flixkun tal-plastic li kien jinsab vicin u jwaddbu mal-hajt vicin il-bokka. L-esponenti ma kellu l-ebda intenzjoni li jolqot lil Salvatore Cutajar tant li mill-provi jirrizulta ampjament li l-flixkun tal-plastic infaqa' malli habat mal-hajt. Malli nfaqa' dan il-flixkun hareg minnu likwidu iswed, lieka likwidu ma laqatx lil Salvatore Cutajar tant li mix-xhieda tal-Pulizja fl-ebda hin ma rrimarkaw li Salvatore Cutajar kellu xi ticpis iswed fuq hwejjgu. L-istess Salvatore Cutajar fix-xhieda teighu fl-ebda hin ma semma' li huwa ntlaqqt minn dan il-likwidu iswed.

iii. Illi l-esponenti appellant jichad b'mod kategoriku li kien hu li attakka, mbotta jew hedded lill-missieru. Kif irrizulta ampjament mill-provi viva voce kien l-istess Salvatore Cutajar li mar jattakka, jipprova jaghti daqqa ta' ponn u li beda jhedded lill-ibnu l-esponenti appellant. L-esponenti kien bi kwietu fil-propjeta ta' ommu meta missieru gie biex jattakkhom. Minkejja li l-esponenti sema' lill-missieru waqt li kien qieghed joffendihom u jehddidhom mit-triq, l-esponenti xorta wahda baqa' gewwa u ma waqax ghall-provokazzjonijiet ta' missieru. Dan pero' ma kienx sodisfatt u ghalhekk mar jattakhom fuq gewwa wkoll. Kien biss f'dan il-hin li l-esponenti rreagixxa billi waddab il-flixkun tal-plastic u dan bil-ghan ewlienu li missieru jhitlaq mill-bokka u ma jkomplix iwaddab il-gebel bir-riskju li jodrob lilu jew lil ommu b'mod gravi.

iv. Illi Salvatore Cutajar baqa' jghajjat f'nofs ta' triq u ghalhekk l-esponenti appellant qallu biex ihalli lill-ommu bi kwietha. Ghal dan il-kliem, Salvatore Cutajar mar jattakka lill-ibnu u pprova jaghtih daqqa ta' ponn. B'reazzjoni instittiva l-esponenti zamm idejn missieru, li baqa' jissielet biex jehles idu halli jkompli jxejjer id-daqqiet. F'dan l-istadju l-esponenti appellant u missieru waqtghu mal-art u l-probabilita' hitja li kien dak il-hin li Salvatore Cutajar garrab il-griehi hfief iccertifikati mit-tabib tal-Polilinika.

v. Illi waqt din il-fratterija l-esponenti baqa' jzomm lill-missieru mal-art, qal lill-ommu biex iccempel lill-Pulizija u fil-fatt hekk ghamlet. Fi ftit minuti, il-Pulizija tfaccat fuq il-post u sabu lill-esponenti u l-missieru mal-art, b'dan li l-esponenti kien ghadu qed izomm lill-misiseru minn idejh. X' hin ra lill-Pulizija, missier l-esponenti appellant, qam mill-art qisu farfett jghajjat u jwerzaq "jien ragel xih, qed jattakkani!"

vi. Illi ghalkemm il-Pulizija fl-affidavit taghhom sostnew li "*sibna zewg persuni mal-art jiggieldu*" u "*sibna zewg persuni jiggieldu mal-art*", sinifkanti u kuntrastanti hija x-xhieda tal-partner ta' missier l-esponenti, prodotta mill-istess Salvatore Cutajar. Fil-fatt, din il-partner hija ta' nazzjonalita' barranija u ghalhekk qalet ma setghetx tifhem il-klime li kien qed jinghad bejn il-partijiet. Hija qalet li telghet fuq il-bejnt u hemmhekk fit-triq rat lill-esponenti 'pinning Salvo down'. Hija spjegat li rat lill-esponenti appellant izomm idejn missieru mal-art u t-tnejn baqghu mal-art sakemm waslu l-Pulizija. Fil-fatt din ix-xhud indikat lill-Qorti l-mod ta' kif l-esponenti kien qed izomm lill-missieru. Din ix-xhud ma setghetx tkun aktar preciza minn hekk u dan peress li waqt li kien qed jistenna lill-Pulizija u dan biex jigi evitat li missieru jkompli jfajjar id-daqqiet. Dan pero' certament ma jammontax ghal attak da parti tal-esponenti kontra missieru. L-esponenti jifhem ukoll ix-xhieda moghtija mill-Pulizija li x'hin raw zewgt irgiel mal-art malli daru l-kantuniera, interpretawha bhal li kieku l-partijiet kienu qed jiggieldu u ma nnutawx li effettivament l-esponenti kien qed izomm lill-missieru pinned down.

vii. Illi ghalhekk jirrizulta li anke x-xhud prodotta minn Salvatore Cutajar stess ikkorrobortrat ix-xhieda tal-esponenti u t'ommu Leondarda Cutajar li kienu huma li sfaw attakkati minn Salvatore Cutajar u li mhux vice versa.

viii. Illi l-esponenti jichad uckoll li huwa kiser il-buon ordni u l-kwiet pubbliku, izda, kif spjegat f'dan l-appell, kien l-istess missieru li beda jghajjat u jidghi fit-triq.

ix. Illi ghar-rigward ix-xhieda ta' Salvino Sive Silvio Cutajar, jigi rilevat li dan huwa persuna vunnerabli b'dizabilita' mentali tant li huwa inabilitat u ghandu kuratur nominat mill-Qorti (Dr. Philip Manduca) biex jassistih fl-atti kollha tal-hajja. Misser l-esponenti sfortunatament jisfrutta d-dizabilita' ta' ibnu u juzah ghall-skopijiet tieghu li effettivament ikun ra u sema'. Ghalhekk tali xhud ma kellu jinstema' u jkun ammissibli mill-ewwel Onorabbli Qorti.

x. Illi fl-ahhar lok jinghad illi l-verzjonijiet tal-incident hekk kif ikkonfermati mill-esponenti appellant, minn ommu Leonarda Cutajar u mix-xhud prodotta minn Salvatore Cutajar stess, huma kompletament konfliggenti max-xhieda moghtija mill-istess Salvatore Cutajar u allura, kwalsiasi dubju u konflitt ghandu jimmilita favur l-akkuzat u mhux kontra.

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma tinoltra ruhha f'ezami tal-lanjanzi imressqa 'il quddiem mill-appellanti l-Qorti ma tistax ma tosservax illi s-sentenza impunjata ma tosservax id-dettami imfassla fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi tindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, <u>tagħti l-piena</u> u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa is-sentenza impunjata tippekka f'zewg partikolaritajiet. Fl-ewwel lok tiddikjara li qed issib htija kontra l-"imputati" meta huwa evidenti illi f'dan il-kaz hemm imputat wiehed biss u cioe' l-appellanti Leonard Cutajar. Fit-tieni lok is-sentenza ma tinfliggi l-ebda piena fuq il-persuna misjuba hatja izda ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fit-termini ta'l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, bl-Ordni esebieta a fol.37 ta'l-atti processwali, tirriproduci dak imfisser fl-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u mhux id-dettami tal-artikolu 412C, liema ordni di piu' jindika artikolu 412(c) li lanqas biss jezisti!

Issa l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ighid car u tond illi "*l-qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena <u>jew minflok il-piena</u> applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti*." Dan ma huwiex rifless imbaghad fl-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali li qabel xejn titkellem fuq il-persuna li tkun giet 'mixlija' jew 'akkuzata' u mhux 'misjuba hatja' fejn il-Qorti ghandha taghti l-motivazzjonijiet taghha 'il ghala ghandha tinhareg tali Ordni fejn ghandhom jittiehdu kont tar-ragunijiet indikati fis-sub-inciz 4. Kwindi billi l-ligi ma taghti l-ebda jedd lill-Qorti tohrog Ordni ta' Protezzjoni minflok ma tinfliggi piena u dan bhal kif hemm specifikat fl-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, l-Ewwel Qorti kellha qabel xejn tghaddi biex tinfliggi piena fuq il-persuna misjuba hatja. Illi ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "*ex officio*" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla billi ma erogat l-ebda piena fuq il-persuna misjuba hatja u lanqas tindika min hi l-persuna li kontra taghha qed tinstab htija.

Ghalhekk fl-ewwel lok il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata  w, wara li rat il-provi traskritti u l-affidavits esebieti, ser tghaddi biex terga' tiddeciedi l-kawza fil-mertu w tikkonsidra l-aggravji tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza.

Issa ezaminati l-atti tal-kawza u l-provi hemmhekk ikkumpilati ghandu johrog illi dan l-incident sfortunatament huwa frott disgwid familjari bejn missier u ibnu fejn il-genituri huma mifrudin. Illi dak in-nhar ta'l-incident jidher illi l-appellanti u ommu Leonarda Cutajar, li tigi mart il-parti leza accedew f'garaxx proprjeta tal-familja li jidher illi hemm xi pendenzi civili dwaru bejn il-partijiet. Il-missier, avzat minn ibnu l-iehor Silvio, illi l-omm u huh kienu fuq il-post, accedda immedjatament mill-Belt lejn Hal Kirkop gewwa dan il-garaxx sabiex jara x'kien qed jigri u ikkonfronta lil martu u lil ibnu. L-appellanti jammetti illi huwa tefa flixkun tal-*plastic* fid-direzzjoni ta' missieru li kien fih xi zejt u li dan mad-daqqa mal-hajt infaqa'. Ighid illi ghamel dan, izda, biex jiddfenedi ruhu mill-azzjonijiet ta' missieru li kien waddab xi gebla fid-direzzjoni tieghu u ta' ommu. Jammetti ukoll illi meta hareg mill-garaxx u ra lil missieru ser ihebb ghalih u ixejjer b'idejh, hu zammu minnu idu u b'konsegwenza ta' din l-azzjoni it-tnejn li huma tilfu il-bilanc u waqghu fl-art bil-missier taht l-iben u l-iben izommu minn idu biex ma ikompliex ixejjer id-daqqiet. Jidher illi b'konsegwenza ta' dan il-missier wegga' spalltu u anke harriglu xi dmija minn halqu.

Illi l-parti leza jaghti verzjoni differenti li madanakollu tidher kemmxejn esagerata fejn huwa jikkontendi illi ibnu tefghu mal-art tela' fuqu u beda ixejjirlu diversi daqqiet fuq gismu fejn spicca kissirlu snienu u spalltu fost griehi ohra li isemmi. Din il-verzjoni madanakollu ma hija ikkonfortata mill-ebda prova ohra u allura l-verzjoni ta'l-imputat hija wahda aktar verosimili. Illi x-xhieda stess tal-*partner* tal-parti leza issostni l-verzjoni ta'l-appellanti meta tghid illi l-appellanti ma ratux ixejjer daqqiet izda ratu izomm lill missieru mal-art. Maghdud dan, allura huwa indubitat illi l-appellanti wiegeb ghal provokazzjoni maghmula minn missieru meta dan ta'l-ahhar tefa' gebel fid-direzzjoni tieghu u ta' ommu u wara huwa hareg barra fit-triq u meta ra lil missieru ser ixejjer daqqiet b'idejh huwa zammu minn idu biex b'hekk spiccaw

waqghu t-tnejn mal-art u l-parti leza sofra il-griehi riskontrati fic-certifikat mediku esebiet, liema certifikat mediku madanakollu qatt ma gie ikkonfermat bil-gurament. Illi l-artikolu 227(c) jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt."

"Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: *"la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"* (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).[1]"

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Illi dawn l-elementi gew ippruvati indubbjament f'dan il-kaz u stante allura illi l-griehi riskontrati kienu ta' natura hafifa b'applikazzjoni tal-artikolu 230(b) u 231(2) tal-Kodici Kriminali ma ghandu jittiehed ebda procediment fil-konfront ta'l-appellanti.
Illi lanqas l-akkuzi ta' natura kontravvenzjonali kwindi ma jistghu jirrizultaw f'dana l-incident li gie kollu kemm hu ipprovokat mill-parti leza billi ma hemm l-ebda prova illi l-appellanti hedded lil missieru b'xi gebel jew oggett iebes jew waddab jew qabad xi arma fil-konfront tieghu, kif lanqas ma jista' jirrizulta illi bi traskuragini jew

[1] Il-Pulizija vs Paul Abela App.Inf 10/09/2004

b'mod involontarju xehet xi likwidu fuq il-persuna ta' Salvu Cutajar u dan ghaliex il-flixkun gie imwaddab lejn il-hajt u fl-ebda hin ma laqat lil parti leza. Dwar l-akkuza kontravvenzjonali u ta' ordni pubblika dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, lanqas din ma tista' tirrizulta ippruvata billi kif inghad dan l-incident gie kollu kemm hu ipprovokat mill-parti leza u l-appellanti wiegeb ghal din il-provokazzjoni billi ipprova irazzan l-imgieba aggressiva ta' missieru.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ghal motivi hawn fuq migjuba u wara li rat l-artikoli 227(c), 230(b) u 231(2) tal-Kodici Kriminali tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur